Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 110/21**
Il-Lussemburgu, 22 ta' Ġunju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-718/19
Ordre des barreaux francophones et germanophone *et*

# Il-miżuri ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tiegħu għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika jikkostitwixxu restrizzjonijiet tad-dritt ta' moviment u ta' residenza, li jistgħu jiġu ġġustifikati meta jkunu bbażati esklużivament fuq l-aġir personali tal-individwu kkonċernat u jkunu josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità

*Fid-dawl tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li għandhom l-Istati Membri, il-perijodu massimu ta' detenzjoni ta' tmien xhur previst mid-dritt Belġjan imur madankollu lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata politika effettiva ta' tneħħija*

Il-Qorti Kostituzzjonali (il-Belġju) ġiet adita b'żewġ rikorsi għall-annullament tal-loi du 24 février 2017 modifiant la loi du 15 décembre 1980 sur l'accès au territoire, le séjour, l'établissement et l'éloignement des étrangers afin de renforcer la protection de l'ordre public et de la sécurité nationale [1] (il-Liġi tal-24 ta' Frar 2017 li temenda l-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-Aċċess għat-Territorju, ir-Residenza, l-Istabbiliment u t-Tneħħija tal-Barranin Sabiex Tissaħħaħ il-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u tas-Sigurtà Nazzjonali), ippreżentati, l-ewwel wieħed, mill-Ordre des barreaux francophones et germanophone u, it-tieni wieħed, minn erba' assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru attivi fl-oqsma tad-difiża tad-drittijiet tal-migranti u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi, minn naħa, il-possibbiltà li jiġu imposti fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom, matul it-terminu mogħti lilhom sabiex jitilqu mit-territorju Belġjan wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' tneħħija meħuda fil-konfront tagħhom għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew matul il-proroga ta' dan it-terminu, miżuri preventivi intiżi li jiġi evitat kull riskju ta' ħarba, bħal arrest domiċiljarju. Min-naħa l-oħra, hija tippermetti li jinżammu f'detenzjoni, għal perijodu massimu ta' tmien xhur, iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom li ma jkunux ikkonformaw ruħhom ma' tali deċiżjoni ta' tneħħija, sabiex tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni tagħha. Dawn id-dispożizzjonijiet huma simili jew identiċi għal dawk, applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment, intiżi li jittrasponu fid-dritt Belġjan id-Direttiva dwar ir-ritorn [2].

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità ta' din il-leġiżlazzjoni Belġjana mal-libertà ta' moviment li hija ggarantita liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familji tagħhom mill-Artikoli 20 u 21 TFUE kif ukoll mid-Direttiva dwar ir-ritorn [3].

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tikkonstata, preliminarjament, li, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' tneħħija taċ-ċittadini tal-Unjoni u

---

[1] *Moniteur belge* tad-19 ta' April 2017, p. 51890.
[2] Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar ir-ritorn").
[3] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar ir-residenza").

tal-membri tal-familji tagħhom, is-sempliċi fatt li l-Istat Membru ospitanti jipprevedi regoli fil-kuntest ta' din l-eżekuzzjoni billi jispira ruħu minn dawk applikabbli għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi **ma huwiex, fih innifsu, kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni.** Madankollu, tali regoli għandhom ikunu **konformi mad-dritt tal-Unjoni**, b'mod partikolari fil-qasam tal-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement tivverifika jekk dawn ir-regoli jikkostitwixxux restrizzjonijiet għal din il-libertà u, fl-affermattiv, jekk l-imsemmija regoli humiex iġġustifikati.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, fl-ewwel lok, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkonċernati, sa fejn jillimitaw il-movimenti tal-persuna kkonċernata, jikkostitwixxu **restrizzjonijiet għal-libertà ta' moviment u ta' residenza.**

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżistenza ta' **ġustifikazzjonijiet** għal tali restrizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li l-miżuri inkwistjoni huma intiżi għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' tkeċċija adottati għal **raġunijiet ta' ordni pubbliku** jew ta' **sigurtà pubblika** u għandhom għalhekk jiġu evalwati fid-dawl tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar ir-residenza [4].

Minn naħa, fir-rigward tal-miżuri preventivi intiżi li jiġi evitat ir-riskju ta' ħarba, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikoli 20 u 21 TFUE kif ukoll id-Direttiva dwar ir-residenza ma jipprekludux l-applikazzjoni għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-membri tal-familji tagħhom, matul it-terminu mogħti lilhom sabiex jitilqu mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti wara l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni ta' tneħħija, ta' dispożizzjonijiet li huma simili għal dawk li, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, ikunu intiżi li jittrasponu fid-dritt nazzjonali, id-Direttiva dwar ir-ritorn [5], **bil-kundizzjoni li l-ewwel dispożizzjonijiet ikunu josservaw il-prinċipji ġenerali dwar il-limitazzjoni tad-dritt għal dħul u tad-dritt għal residenza minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika** previsti mid-Direttiva dwar ir-residenza [6]u ma jkunux inqas favorevoli mit-tieni.

Fil-fatt, tali miżuri preventivi jikkontribwixxu neċessarjament għall-**protezzjoni tal-ordni pubbliku**, sa fejn dawn ikollhom l-għan li jiżguraw li persuna li tirrappreżenta theddida għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru ospitanti titneħħa mit-territorju tiegħu. Dawn il-miżuri għandhom għalhekk jitqiesu li jillimitaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza tiegħu "għal raġunijiet ta' ordni pubbliku", fis-sens tad-Direttiva dwar ir-residenza [7], b'tali mod **li jistgħu, bħala prinċipju, jiġu ġġustifikati** taħt din id-direttiva.

Barra minn hekk, dawn il-miżuri ma jistgħux jitqiesu li jmorru kontra d-Direttiva dwar ir-residenza għar-raġuni biss li dawn huma simili għall-miżuri intiżi li jittrasponu fid-dritt nazzjonali d-Direttiva dwar ir-ritorn. Dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-benefiċjarji tad-Direttiva dwar ir-residenza jgawdu minn status u drittijiet **ta' natura kompletament differenti** minn dawk li jistgħu jinvokaw il-benefiċjarji tad-Direttiva dwar ir-ritorn. Għaldaqstant, fid-dawl tal-istatus fundamentali **li jibbenefikaw minnu ċ-ċittadini tal-Unjoni,** il-miżuri li jistgħu jiġu imposti fuqhom sabiex jiġi evitat riskju ta' ħarba ma jistgħux ikunu **inqas favorevoli** mill-miżuri previsti fid-dritt nazzjonali sabiex jiġi evitat tali riskju, matul it-terminu ta' tluq volontarju, ta' **ċittadini ta' pajjiżi terzi** li jkunu s-suġġett ta' proċedura ta' ritorn għal raġunijiet ta' ordni pubbliku.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-detenzjoni għal finijiet ta' tneħħija, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikoli 20 u 21 TFUE kif ukoll id-Direttiva dwar ir-residenza **jipprekludu** leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-membri tal-familji tagħhom, li, wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit jew tal-proroga ta' dan it-terminu, ma jkunux ikkonformaw ruħhom ma' deċiżjoni ta' tneħħija meħuda fil-konfront tagħhom minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika, miżura ta' detenzjoni ta' tul massimu ta' tmien xhur, fejn dan it-tul ikun **identiku għal dak**

---

[4] Konformement mal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, il-miżuri restrittivi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubbliku għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklużivament fuq l-aġir personali tal-individwu kkonċernat.

[5] Artikolu 7(3) tad-Direttiva dwar ir-ritorn. Skont din id-dispożizzjoni, "[ċ]erti obbligi maħsuba biex jevitaw ir-riskju ta' ħarba, bħal ma huma r-rappurtar regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja adegwata, il-preżentazzjoni ta' dokumenti jew l-obbligu li wieħed jibqa' f'ċertu post, jistgħu jiġu imposti għat-tul tal-perijodu ta' tluq volontarju".

[6] Artikolu 27 tad-Direttiva dwar ir-residenza.

[7] Artikolu 27(1) tad-Direttiva dwar ir-residenza

**applikabbli**, fid-dritt nazzjonali, **għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonformaw ruħhom ma' deċiżjoni ta' ritorn meħuda għal tali raġunijiet**, skont id-Direttiva dwar ir-ritorn [8].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li t-tul tad-detenzjoni previst mid-dispożizzjoni nazzjonali kkonċernata, li huwa identiku għal dak applikabbli għat-tneħħija taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, għandu jkun **proporzjonat mal-għan imfittex**, li tiġi żgurata **politika effettiva ta' tneħħija** taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom. Fir-rigward b'mod speċifiku tat-tul tal-proċedura ta' tneħħija, iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom **ma jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli** għal dik taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'tali mod li **ma huwiex iġġustifikat** li jingħata trattament identiku lil dawn il-persuni kollha fir-rigward tal-perijodu massimu ta' detenzjoni.

B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom **mekkaniżmi ta' kooperazzjoni** u ta' **faċilitajiet** fil-kuntest tat-tneħħija taċ-ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja tagħhom lejn Stat Membru ieħor li ma għandhomx neċessarjament fil-kuntest tat-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz lejn pajjiż terz. Fil-fatt, peress li r-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri huma bbażati fuq l-obbligu ta' kooperazzjoni leali u l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, dawn ma għandhomx jagħtu lok għal diffikultajiet ta' natura identika għal dawk li jistgħu jirriżultaw fil-każ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. Barra minn hekk, id-diffikultajiet prattiċi relatati mal-organizzazzjoni tal-vjaġġ ta' ritorn ġeneralment ma għandhomx ikunu l-istess għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni. Fl-aħħar nett, ir-ritorn taċ-ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu huwa ffaċilitat bid-Direttiva dwar ir-residenza [9].

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, minn dan isegwi li **perijodu massimu ta' detenzjoni ta' tmien xhur** għall-finijiet ta' tneħħija għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-membri tal-familja tagħhom imur **lil hinn minn dak li huwa neċessarju** sabiex jintlaħaq l-għan imfittex.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[8] Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

[9] Fil-fatt, skont l-Artikolu 27(4), l-Istat Membru li jkun ħareġ il-passaport jew il-karta tal-identità għandu jippermetti lid-detentur ta' tali dokument li jkun tneħħa minn Stat Membru ieħor jidħol fit-territorju tiegħu mingħajr ebda formalità.